**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Daniel Duca**

**Kumpilazzjoni numru 463/2016**

**Illum 17 ta' Jannar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Daniel Duca** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 163399 (M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Awwissu 2016:

1. Ikkommetta serq aggravat ghad-detriment ta' Jake Suda ID:59803(L) u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), imma fejn il-valur tal-haga misruqa mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin cenezmu (2,329.37).
2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement , b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien stipulat mil-ligi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, l-Qorti tiehu a konjizzjoni l-Artikolu 337 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446)

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tistqarr li l-*parte civile* kienu thallsu tal-oggett misruq.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-*

*piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta, m'ghalqax it-tmintax-il sena u li huwa student li bi hsiebu jibda kors universitarju fil-qasam tal-Medicina.  Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera mill-ewwel u hallas qabel bdew dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissietu li ghad ghandu futur sabih quddiemu jekk jirnexxielu jispicca l-istudji li qieghed jaghmel.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem il-minuri Daniel Duca u Jake Suda fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**